# Simboli Paleo-Kristjani fil-Knisja ta' San Bastjan, Ħal Qormi.

*Noel Buttigieg*

Wieħed mill-aspetti artistiċi li jispikka fil-knisja ta' San Bastjan huwa bla dubju l-faxxa ta' lavur mirqum li jdur mall-binja kollha. Għalkemm il-mottiv prinċipali huwa magħmul minn nisġa ta' weraq, hawn insibu wkoll simboli reliġjużi li għandhom sinifikant doppju: ifakkruna fill-patrun tal-knisja San Bastjan; kif ukoll għandhom messaġġ speċjali għalina l-insara. L-għan ta' dan l-istudju huwa li nifhmu aħjar l-oriġini ta' din l-arti b'sinifikat religjuż.

Dawn is-simboli jirriflettu wieħed mill-messaġġi spiritwali l-iżjed bażiċi fir-reliġjon Kristjana - tama. Huma bosta dawk l-istudjużi li jispjegaw il-firxa għaġġelija ta' dan it-twemmin minħabba il-fidi li Kristu għad isalva lil dawk kollha li jemmnu f'Alla. Ir-rieda ta' dawn il-bosta kienet murija permezz ta' numru ta' simboli li kienu jfakkru l-insara fis-salvazzjoni tar-ruħ.

L-għażla ta' dawn is-simboli kienet waħda għaqlija meta wieħed jiftakar li l-ewwel insara bdew iħaddnu dan ir-religjon fiż-żmien diffiċli. Fl-ewwel żminijiet tal-Kristjaneżmu, ma kienx faċli li xxandar pubblikament it-twemmin tiegħek speċjalment meta għar-Rumani l-Imperatur kien meqjus bħala xi alla. Wieħed li bata' għall-kuraġġ li kellu li jħaddan il-fehma tiegħu kien l-istess patrun ta' din il-parroċċa - San Bastjan. Il-persekuzzjonijiet fi żmien ir-Rumani, għalkemm mhux daqshekk frekwenti bħalma ħafna jaħsbu, kienu jnisslu biżgħa fost dawk li kienu jemmnu li xi darba jingħaqdu mal-Missier. Fiż-żmien daqshekk kmieni dawk li ħaddnu din ir-reliġjon kienu meqjusa bħala minoranza ppersegwitata għalkemm din is-sitwazzjoni inbidlet b'mod mgħaġġel wara li l-Imperatur Konstantinu fis-sena 313 WK ta lill-Knisja Nisranija d-dritt li xxandar il-Kelma t'Alla pubblikament u tibni tempji fejn l-insara setgħu jfaħħru l-Feddej. Naħseb illi s-sinifikat ta' l-arti paleo-kristjana huwa x'aktarx diffiċli għalina sabiex nifhmu llum meta writna twemmin fiż-żmien meta aħna nistgħu nipprattikaw mingħajr ebda tgħeddid.



L-ebda persekuzzjoni ma tfiet id-determinazzjoni tal-ewwel Kristjani tant li dawn saħansitra ħolqu sistema ta' simboli b'tifsiriet reliġjużi. Din it-tip ta' arti hija mgħarufa fost l-istudjużi bħala Paleo-Kristjana. Ir-rwol prinċipali

kien li jaħbu kemm ir-religjon (il-Kristjaneżmu) kif ukoll il-messaġġ wara l-istess simboli. Riżultat ta' dan, l-ewwel eżempji ta' arti Kristjana ġew misjuba minquxa jew impinġija fuq il-ħitan ta' xi katakombi. Għaldaqstant ġew addottati numru ta' figuri, simboli klassiċi, ittri Griegi u xi rapreżentazzjonijiet mill-Bibbja li f'għajnejn ir-Rumani ma kellhom l-ebda sinifikat biss kienu ta' importanza spiritwali għall-Kristjani. B'hekk naraw li l-ewwel tip ta' arti Kristjana kellha żewġ oriġini: it-tema magħżula kienet dik misjuba fit-Testment il-Qadim filwaqt li l-istil kien dak Grieg. Kellu jgħaddi biss ftit żmien sabiex mill-Palestina l-użu taċ dawn is-simboli b'messaġġ Kristjan laġqu partijiet differenti tal-Mediterran.

Il-messaġġ ta' tama kien jiġi mwassal b'żewġ modi: xbihat li jirrapreżentaw lil Kristu jew inkella b'figuri li juru li hemm ħajja oħra wara l-mewt.

Is-salib huwa simbolu li sal-ġurnata ta' llum jirrapreżenta lil Kristu u lil Kristjaneżmu. Madankollu, is-salib gie mogħti forom differenti minn żmien għal żmien: Latin, Grieg, it-Tau jew l-Ankh Eġizzjan. Imma Kristu jiġi rappreżentat wkoll mill- 'Chi Rho' simbolu li wara kollox iqassar ismu. Għall-Griegi il-Chi Rho kienet diġa teżisti bħala taqsira għall-kelma 'Chrestos' li tfisser sinjal ta' ġid, risq jew għajnuna. Għal din ir-raġuni naraw li fuq wieħed mill-pilastri li jerfgħu l-koppla tal-knisja nsibu dan is-simbolu u taħtu minquxa il-kelma CHRISTIANUS. Kemm għar-Rumani kif ukoll għall-Kristjani dan is-simbolu kellu messaġġ pożittiv sakemm ir-Rumani bdew jassoċjaw dan is-simbolu ukoll ma' l-ewwel insara. Kien l-istess imperatur Dejokleżjano li xela lil San Bastjan bħala Kristjan.

Diversi spekulazzjonijiet oħra saru dwar simboli oħra li jiġu assoċċjati mall- forma tas-salib. L-ankra hija waħda min dawn minkejja li hija meqjusa ukoll bħala simbolu ta' tama.

L-ilma huwa simbolu ta' dak li jagħmilna Kristjani. Fil-knisja ta' San Bastjan dan kollu qed jiġi rrapreżentat permezz ta' funtana minquxa fuq



ieħor mill-pilastri li jerfgħu il-koppla. L-ilma huwa wkoll sinjal ta' ħajja: l-ilma jnaddaf, jgħarraq, jipproteġi tarbija f'ġuf l-omm, filwaqt li huwa ingredjent importanti fil-ġisem tal-bniedem. Bl-istess mod nistgħu ngħidu li magħmudija kienet u għada meqjusa bħala dak is-sagrament li jippreparana għal ħajja ġdida u jgħarraq dik il-qadima li hija rrappreżentata mid-dnub. L-ewwel insara ġew mgħarrfa minn Ġesu Kristu li kull min jixrob mill-ilma li jagħtih Hu qatt ma jaqbdu għatx. (Ġwanni 4:14) L-ilma b'hekk huwa simbolu ieħor ta' Kristu u għalhekk nsibu il-kelma CHRISTI minquxa taħt is-simbolu tal-funtana.

Assoċjat mas-simbolu ta' l-ilma hemm ukoll is-siġra. Dan ta' l-aħħar kien komuni f'diversi artijiet li ħaddnu l-ewwel twemmin Kristjan kif ukoll nsibuh fil-knisja ta' San Bastjan. Riferenzi għas-siġra huma bosta fil-Bibbja. Fil-Ktieb tas-Salmi nsibu miktub 'U jkun bħal siġra mħawla ħdejn nixxigħat ta' l-ilma, li tgħati l-frott fi żmienha'. (Salmi 1:3) Hemm ukoll miktub li ' fuq kull naħa tax-xmara kien hemm is-siġra tal-ħajja' fl-aħħar kapitlu tal-Bibbja.(Revelazzjoni 22:2) Ir-referenza għas-siġra tista' tiġi mogħtija żewġ spjegazzjonijiet: L-ewwel tifsira tista' tirreferi għan-nisrani li jħalli l-frott mistħoqq meta jagħraf it-tagħlim tal-Knisja. Is-siġra tal-ħajja hija meqjusa ukoll fost diversi studjużi bħala rapreżentazzjoni tal-Kelma t'Alla. It-tieni tifsira tiġi mogħtija sinifikat ieħor fil-knisja ta' San Bastjan - dik tas-salib - li jista' juri wkoll tbatija. Għal din ir-raġuni nsibu li bosta artisti jirrappreżentaw lil dan il-martri marbut ma' siġra. Dan is-simbolu ta' sagrifiċċju għalhekk għandu mnaqqxa il-kelma MARTYR li tispjega il-fidi soda ta' San Bastjan u dak kollu li għadda minnu sabiex jibqa' marbut ma' Alla.

Ir-ruħ u l-ħajja wara l-mewt huma ukoll irrappreżentati b'diversi simboli Palejo-Kristjani li nsibu fl-entratura tal-Knisja. Dawn huma rrappreżentati mill-ħamiema, l-pagun u l-feniċe (phoenix). Dawn is-simboli kollha jwasslu l-messaġġ ta' Kristu rebbieħ fuq il-mewt.



Għall-mitoloġija klassika, il-feniċu għex għal 500 sena u f'mewtu kellu jinħaraq u l-irmied tiegħu jitpoġġa f'sepulkru ta' inċens u mirra. Kien ukoll mifgħum illi dan jerġa' jieħu l-ħajja u b'hekk kien immortali. Is-simboliżmu tal-pagun kien influwenzat aktar minn fatt li seta' jara kullħadd iżjed min xi ħaġa mmaġinarja. Għalkemm kien hemm min jemmen li dan l-għasfur kellu laħmu li ma jithassarx, il-fatt li f'kull rebbiegħa dan kien itella' rix ġdid ġie mgħoti t-tifsira ta' tiġdid jew ħajja wara l-mewt.

Il-ħuta hija simbolu Paleo-Kristajan ieħor li nsibu f'din il-parroċċa. Dan is-simbolu religjuż kien ukoll jalludi għal Kristu. Il-kelma 'ħuta' bil-Grieg tinkiteb b'ittri li jagħmlu wkoll l-inizjali tal-frażi 'Ġesu Kristu, Bin Alla, s-Salvatur'. Is-simbolu tal-ħuta kien komuni fost ir-reliġjonijiet fil-lvant tal-Mediterran: L-alla Atargatis, alla Sirjan li kienet tirrappreżenta l-ilma tal-ħajja, kellha il-parti t'isfel ta' ġisimha irrappreżentat b'denb ta' ħuta. Għall-Filistin, l-alla pagan Dagon kien ukoll irrappreżentat taħt forma ta' ħuta (I Samwel 5).

L-assoċjazzjoni tal-ħuta mall-Kristjaneżmu huma bosta. Kristu wiegħed lill-appostli li kien ser jagħmilhom sajjieda tal-bnedmin (Luqa 5). Bosta huma r-referenzi fl-erba' evanġeli għar-rakkonti fejn il-ħuta tiġi mogħtija tifsira speċjali. Il-miraklu taż-żewġ ħutiet u ħames ħobżiet (Mark 8) kif ukoll il-qabda kbira ta'ħut (Luqa 5:6) huma tnejn mill-aktar referenzi popolari. F'dawn ta' l-aħħar il-ħuta tieħu wkoll it-tifsira ta' l-Ewkaristija.

In-nagħġa kienet ukoll tfisser xi ħaġa għall-Kristjani għalkemm b'messaġġ differenti għar-Rumani. Ir-rgħaj it-tajjeb, il-merħla u n-ngħaġa huma ħafna drabi jwasslu l-istess messaġġ għalkemm jista' jkun li jiġu murija b'modi differenti. Minkejja dan il-messaġġ huwa wieħed, l-importanza hija kbira fir-reliġjon Kristjana. L-immaġni tar-ragħaj it-tajjeb teħodna lura sas-sena 1000 Q.K. ġewwa Carchemish -- in-ngħag hawnhekk kienu jirrappreżentaw annimali għas-sagrifiċċju. Biss l-idea tar-rgħaj għall-Kristjani għandha oriġini Klassika. Hermes Criophorus, kien għall-Griegi, il-protettur tar-rgħajja u n-ngħaġ tagħhom. L-Evangelju ta' San Ġwann u dak ta' San Luqa jagħtuna tifsira ċara ta' x'jirrappreżenta ir-rgħaj u n-ngħaġ tiegħu fit-



twemmin Kristjan. Dan ta' l-aħħar ifisser il-ferħ wara s-sejba tan-nagħġa l-mitlufa. In-ngħaġ huma aħna l-Kristjani, filwaqt li Kristu huwa ir-rgħaj. Kemm Iżajija u Eżekjel jirreferu għal Kristu bħala ir-ragħaj li ħa ħsieb in-nagħaġ tiegħu.

Dawn is-simboli kellhom rwol speċjali għall-ewwel Kristjani kif ukoll għalina llum. Għal dawk tal-ewwel dan kien mezz ta' kif setgħu jipprattikaw il-Kristjaneżmu mingħajr ma jiġu ppersegwitati. Mill-Palestina dawn is-simboli ġew ikkupjati minn simboli li kellhom tisira differenti minn dik Kristjana. Malajr infirxu ma' bnadi oħra tal-Mediterran u saru propjeta komuni tal-Knisja. Dawn ukoll kellhom ir-rwol li jgħallmu fiż-żmien meta t-tagħlim ta' Kristu kien għadu jintiret fost l-insara b'mod orali. Għaldaqstant il-messaġġ kien sempliċi tant li seta' jiġi mifgħum minn kulħadd. Sal-ġurnata ta' llum dawn is-simboli għad fadlilhom sinifikat storiku u reliġjuż fil-ħajja tagħna. Dawn ifakkruna fil-kundizzjonijiet li kellhom jgħixu fihom l-ewwel Kristjani kif ukoll f'dawk li mietu martri għax ħaddnu din ir-reliġjon fosthom San Bastjan. Ifakkruna wkoll f'Sidna Gesu Kristu, li Huwa it-Triq, id-Dawl u l-Ħajja għalina li nemmnu. Dawn is-simboli jimlewna, bħal dawk ta' qabilna, b'kuraġġ u tama fil-Mulej.

---


## Computing Courses

- √ JUNIORS LEVEL 1
- √ JUNIORS LEVEL 2
- √ OFFICE PRACTICE BEGINNERS
- √ OFFICE PRACTICE ADVANCED
- √ I.T. FORMS 1-3
- √ COMPUTER SCIENCE MATSEC
- √ COMPUTER PER STUDENT, INDIVIDUAL ATTENTION, CERTIFICATE + NOTES

- Private lessons for Year 3, Year 4, Year 5 and Year 6 students. Preperation for the Annual Exams, Junior Lyceum Exam and Common Entrance Exam.
- TYPEWRITING lessons, starting from 'O' level leading to 'A' level. Certificate issued at end of course.
- FRENCH 'O' MATSEC
- ENGLISH 'O' MATSEC 2001
- PHYSIC 'O' MATSEC

## AGIUS TUITION CENTER

Licensed by the Education Department

155, Spiteri Fremond Str, Qormi QRM 11
Tel: 487115, 0944 3940 Fax: 487115
e-mail: solitaire@vol.net.mt

Your success is our concern!